MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-11 ta' Frar, 2013

Numru. 208/2007

**Il-Pulizija**
**(Supt. Norbert Ciappara)**

**vs.**

**Michael Frendo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Michael Frendo ta' 25 sena, imwieled fis-16 ta' Frar 1981, iben Joseph u Evlin nee Gwazzo, residenti No. 23 Old Mint Str. Valletta, detentur tal-karta tal-identita 137381(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta' bejn is-27 u 28 ta' Ottubru 2005 kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101

tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li semghet t-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri ma humiex kontestati u huma s-segwenti:

1. Fis-27 ta' Ottubru 2005 fl-10.15pm l-imputat gie imwaqqaf f'karozza f'road block gewwa Bormla li kien qed isir mill-Forzi Armati ta' Malta.
2. Fuq il-persuna tieghu ma nstab xejn, izda fi tfittxija fil-karozza instabu disa' (9) bicciet rezina tal-cannabis, u li kienu mgezwra fil-foil gol-istereo plastic cover, u bicca cannabis ohra imgezwra go borza tal-plastic gol-pocket tal-bieba tan-naha tax-xufier.
3. L-espert mahtur minn din il-Qorti, l-Ispizjar Mario Mifsud ikkonkluda illi s-sustanza misjuba kienet fil-fatt rezina tal-cannabis, u l-piz totali tal-10 bicciet rezina li nstabu kien ta' 28.26 grammi, u li l-purita kienet ta' 3.6%.

L-imputat ammetta mill-ewwel fl-istqarrija li r-rezina tal-cannabis kienet tieghu, pero qieghed jinsisti li kienet ghall-uzu personali tieghu, u ma kienitx intiza li tigi spaccata lil terzi.

Fis-sentenza, **Il-Pulizija v. Marius Magri** deciza fit-12 ta' Mejju 2005, il- Qorti tal-Appell Kriminali[1] kienet osservat li imputazzjonijet ta' pussess aggravat *"… … mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista' skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" (26.8.1998). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati (Ara Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" (2.9.1999)."*

Fil-kaz odjern, il-Qorti hija sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-imputat, u dan ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:

1. L-ammont ta' rezina li nstab ta' 28.26 grammi ma huwiex wiehed negligibbli. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat jghid li minn kull bicca rezina kien jaghmel xi 15-il sigarett.[2] Dan ifisser li mill-10 bicciet rezina li nstabu kien johrog circa 150 joint, li jkun fihom circa 0.19 grammi ta' rezina (28.26g divizi bi 150).

2. Fl-istqarrija tieghu moghtija *a tempo vergine* lill-ispettur, l-imputat qal li kien xtara r-raza tal-cannabis xi tlett gimghat qabel ma gie arrestat u li kien ilu jabbuza mir-raza tal-cannabis xi tlett gimghat. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti huwa jghid li dak iz-zmien kellu problema kbira ghax kien dipendenti fuq il-cannabis u jghid li kien ipejjep izjed minn 15-il joint kuljum. Din hija inkonsistenza serja li tinpingi fuq il-kredibilita tal-imputat.

---

[1] Per Imhallef Onor. Joseph Galea Debono.
[2] Ara xhieda tal-imputat a fol. 40 tal-process.

3. Kemm fl-istqarrija kif ukoll fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid li huwa xtara r-raza tal-cannabis shiha u kien hu li qasamha f'10 bicciet fid-dar tieghu. Hu xehed hekk: *"Qattghajtha d-dar jiena u x'hin qattghajtha insejt inhallieha d-dar u inzilt biha fil-karozza ergajt u x'hin mort biex naghti d-diesel lill-karozza iltqajt mal-inkwiet hux."*[3] Fl-opinjoni konsiderata tal-Qorti, din ix-xhieda m'hijiex verosimili. Ladarba d-droga kienet id-dar, l-imputat seta' facilment jiehu kemm ghandu bzonn minnha u jerfa l-kumplament id-dar, u mhux jehodha kollha lura mieghu fil-karozza u konxjament jpoggiha fl-istereo plastic cover u fil-pocket tal-bieba tal-karozza. Dan juri li l-intenzjoni tal-imputat kienet li dik id-droga kellha tibqa' fil-karozza. Kieku veru – ghall-grazzja tal-argument - l-imputat nizzel id-droga bi zball fil-karozza, din kienet tinstab fuqu u mhux mohbija fil-karozza. Anki jekk l-imputat kien jabbuza mid-droga, m'huwiex verosimili li huwa joqghod jigri bid-droga kollha li jkun xtara fil-karozza kull fejn imur. Dan iktar u iktar meta skont ix-xhieda tal-imputat huwa mar fil-karozza semplicement biex imur itiha d-diesel.[4] Wiehed ma jridx jinsa wkoll li l-imputat inqabad ghal habta tal-10.15pm.

4. Disa' mill-ghaxar bicciet tar-raza tal-cannabis kienu imgezwrin individwalment fil-foil, u l-bicca l-ohra instabet imgezwra f'borza tal-plastic. Il-piz taghhom kien ivarja bejn 1.88g u 3.62g.[5] Huwa ovvju li l-fatt li ladarba ir-raza kienet imqatta' lesta, u kull bicca imgezwra individwalment, kienet iktar facli li tigi spaccata.

Ghaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, il-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

## Konsiderazzjonijiet dwar Piena

Illi dwar piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-ammont tar-raza tal-cannabis li instab fuq l-imputat ma kienx

[3] Ara xhieda tal-imputat a fol. 39 tal-process.
[4] Ara xhieda tal-imputat a fol. 39 tal-process.
[5] Ara relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud a fol. 33 tal-process.

wiehed negligibbli, u skont ix-xhieda tal-imputat stess minnu setghu johorgu madwar 150 joint.

Il-fedina penali tal-imputat mhijiex wahda felici, u fiha ghandu hames kundanni, tnejn ta’ serq, tnejn ghal sewqan traskurat u wahda ghal pussess semplici tad-droga ecstacy.

Mix-xhieda tal-imputat u r-rizultati tal-laboratorju minnu ezebiti jidher li ghamel l-almu tieghu biex jeghleb il-vizzju tad-droga. Pero kif osservat tajjeb il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Cutajar** deciza fid-29 ta’ Ottubru 2009 *“... ... (H)uwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi w fil-frattemp jista’ jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero f’dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit, imma r-reat ta’ spaccar ta’ droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissimi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta.”*

Fis-sentenza **Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta’ Mejju 2002, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet: *“Illi din il-Qorti specjalment f’kazijiet bhal dawn relatati ma pprokurar u traffikar ta’ droga trid tibbilancja ukoll l-interess tal-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett punittiv u ta’ deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta’ droga, partikolarment fost persuni ta’ eta tenera, fenomenu dan li ta’ kulljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta’ eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f’termini ta’ piena.”*

Fuq l-istess binarju hija s-sentenza **Pulizija v. Mark Mifsud** deciza fis-6 ta’ Dicembru 2002, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat hekk: *“Huwa veru li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali tal-hati (inkluz xi progress seta’ ghamel minn mindu tressaq il-qorti) b’mod li ma jinjorax ghal kollox ir-riabilitazzjoni, jew riabilitazzjoni potenzjali tieghu, pero meta si tratta ta’*

*reati serji bhalma huma traffikar ta' droga, l-element tad-deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta ghandu jipprevali fuq konsiderazzjonijiet ta' riabilitazzjoni. L-unika koncessjoni li din il-Qorti hi lesta li taghti lill-appellant hi tnaqqis ta' sena biex tirrifletti dik is-sena li huwa ghamel fil-programm residenzjali."*

## Konkluzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 8(a), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (i) tal-Kapitolu 101 u r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal piena ta' sentejn u nofs prigunerija effettiva – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv <u>biss</u> in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom - u multa ta' elfejn Euro (€2,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti qieghda tordna d-distruzzjoni tad-droga u tal-affarijiet konnessi maghha taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------